

JC 2024 34

5 ta' Ġunju 2024

## Linji Gwida Konġunti

Dwar l-istima tal-kostijiet u t-telf annwali aggregati kkawżati minn inċidenti maġġuri relatati mal-ICT skont ir-Regolament (UE) 2022/2554

Dawn il-Linji Gwida fihom referenzi għar-regolamenti delegati u ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni tal-UE li għadhom ma ġewx ippubblikati f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE. Ladarba dawn ir-Regolamenti li ġejjin ikunu ġewx ippubblikati f'Il-Ġurnal Ufficijali, dawn il-Linji Gwida se jiġu ffinalizzati billi jiġu inklużi dawn ir-referenzi. Ir-riferenzi ser jiġu mdaħħla fit-taqsimiet immarkati bl-isfar.

Id-data tal-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida tista' tiġi ddeterminata biss ladarba dawn il-Linji Gwida jiġu ffinalizzati. Id-data mistennija tal-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida hija s-17 ta' Jannar 2025. F'każ li jkun hemm dewmien fil-finalizzazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, l-aħħar jum ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida se jkun xahrejn mid-data tal-pubblikkazzjoni tat-traduzzjonijiet ta' dawn il-Linji Gwida fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

# Linji Gwida Konġunti dwar l-istima tal-kostijiet u t-telf annwali aggregati kkawżati minn inċidenti maġġuri relatati mal-ICT

---

## Status ta' dawn il-Linji Gwida

Dan id-dokument fih Linji Gwida Konġunti maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>; l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010<sup>2</sup>; u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010<sup>3</sup> - "ir-Regolamenti dwar l-ASE". F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti dwar l-ASE rispettivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-Linji Gwida.

Il-Linji Gwida Konġunti jistabbilixxu l-fehma tal-ASE dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-Linji Gwida Konġunti għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-Linji Gwida Konġunti huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' Rappurtar

F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti dwar l-ASE, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-ASE rispettivi jekk jikkonformawx jew jekk għandhomx l-intenzjoni li jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida/Rakkomandazzjonijiet Konġunti, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 19.05.2025 (xahrejn mill-ħruġ). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-ASE rispettiva bħala mhux konformi. In-notifikasi għandhom jintbagħtu lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu), [compliance@eiopa.europa.eu](mailto:compliance@eiopa.europa.eu) u [DORA@esma.europa.eu](mailto:DORA@esma.europa.eu) bir-referenza "JC/GL/2024/34". Mudell għan-notifikasi huwa disponibbli fuq is-siti web tal-ASE. In-notifikasi għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapprtaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

<sup>2</sup> Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensionijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48-83).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84-119).

In-notifikasi ser jiġu ppubblikati fuq is-siti web tal-ASE, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

## Titolu I – Suġġett, kamp ta’ applikazzjoni, destinatarji, u definizzjonijiet

### Suġġett u Kamp ta’ applikazzjoni

1. Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jissodisfaw il-mandat mogħti lill-ASE skont l-Artikolu 11(11) tar-Regolament (UE) 2022/2554<sup>4</sup>, li jiżviluppaw Linji Gwida komuni dwar l-istima tal-kostijiet u t-telf annwali aggregati ta’ inċidenti magħġuri relatati mal-ICT imsemmija fl-Artikolu 11(10) ta’ dak ir-Regolament. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw ukoll mudell komuni għas-sottomissjoni tal-kostijiet u t-telf annwali aggregati.

### Destinatarji

2. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 46 tar-Regolament 2022/2554 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 1093/2010, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 1094/2010 u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 1095/2010.

### Definizzjonijiet

3. It-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) 2022/2554 għandhom l-istess tifsira f’dawn il-Linji Gwida.

## Titolu II- Implementazzjoni

### Data ta’ applikazzjoni

4. Dawn il-Linji Gwida jaapplikaw minn 19.05.2025.

---

<sup>4</sup> Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali digħi għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1-79).

## **Titolu III- Dispożizzjonijiet dwar l-istima tal-kostijiet u t-telf annwali aggregati ta' inċidenti maġġuri relatati mal-ICT**

5. L-entitajiet finanzjarji għandhom jistmaw il-kostijiet u t-telf annwali aggregati ta' inċidenti maġġuri relatati mal-ICT billi jaggregaw il-kostijiet u t-telf għal inċidenti maġġuri relatati mal-ICT li jaqgħu fis-sena ta' referenza li għaliha l-awtorità kompetenti tkun talbet l-istima. L-entità finanzjarja tista' tagħżel jekk is-sena ta' referenza għandhiex tikkorrispondi jew mas-sena kalendarja kkompletata, jew mas-sena kontabilistika kkompletata tal-entità finanzjarja li għaliha l-entità finanzjarja tkun iż-żgħix id-dik id-deċiżjoni għandha tiġi applikata għal stimi futuri ta' kostijiet u telf annwali aggregati. L-entità finanzjarja tista' tbiddel dik id-deċiżjoni billi tinnotifika lill-awtorità kompetenti, u dment li l-awtorità kompetenti ma toġżeż żgħix minn meta tirċievi n-notifika. L-entitajiet finanzjarji ma għandhomx jinkludu kostijiet u telf relatati ma' dawk l-inċidenti li jaqgħu qabel jew wara dik is-sena ta' referenza.
6. L-entitajiet finanzjarji għandhom jinkludu fl-istima l-inċidenti kollha relatati mal-ICT li, irrispettivament mir-raġuni, ikunu ġew ikklassifikati bħala maġġuri f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni [OJ L, 2024/1772, 25.6.2024]<sup>5</sup> dwar il-klassifikazzjoni tal-inċidenti u
  - (a) li għalihom l-entità finanzjarja tkun issottomettiet rapport finali f'konformità mal-Artikolu 19(4)(c) tar-Regolament (UE) 2022/2554 fis-sena ta' referenza rilevanti, jew
  - (b) kwalunkwe inċident li għali l-entità finanzjarja tkun issottomettiet fis-snin ta' referenza preċedenti rapport finali skont l-Artikolu 19(4)(c) tar-Regolament (UE) 2022/2554 li kellu impatt finanzjarju kwantifikabbli fuq l-entità finanzjarja fis-sena ta' referenza rilevanti.
7. L-entitajiet finanzjarji għandhom jistmaw il-kostijiet u t-telf annwali aggregati billi jaapplikaw il-passi sekwenzjali li ġejjin:
  - (a) jistmaw il-kostijiet u t-telf ta' kull inċident maġġuri relatati mal-ICT kif imsemmi fil-paragrafu 6 b'mod individwali. Dawk l-istimi għandhom jipproċu l-kostijiet u t-telf gross filwaqt li jqisu t-tipi ta' kostijiet u telf kif stabbilit fl-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni [OJ L, 2024/1772, 25.6.2024];

---

<sup>5</sup>Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1772 tat-13 ta' Marzu 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' inċidenti relatati mal-ICT u theddid ċibernetiku, li jistabbilixxi livelli limitu ta' materjalit u li jispeċifika d-dettalji tar-rapporti ta' inċidenti kbar, [OJ L, 2024/1772, 25.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/del/2024/1772/o/>]

- (b) għal kull inċident maġġuri relatat mal-ICT, l-entitajiet finanzjarji għandhom ukoll jistmaw l-irkupri finanzjarji kif speċifikat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni [OJ L, 2025/302, 20.2.2025]<sup>6</sup>;
- (c) l-entitajiet finanzjarji għandhom jaggregaw il-kostijiet u t-telf gross u l-irkupri finanzjarji f'inċidenti maġġuri relatati mal-ICT.
8. Bħala bażi għall-istimi, l-entitajiet finanzjarji għandhom jirreferu għall-kostijiet, it-telf u l-irkupri finanzjarji li jkunu riflessi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom bħall-kont tal-profitt u t-telf, jew fejn applikabbi fir-rapportar superviżorju tagħhom, tas-sena ta' referenza rilevanti. Fl-istima tagħhom, l-entitajiet finanzjarji għandhom jinkludu wkoll dispożizzjonijiet ta' kontabilità li huma riflessi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom bħall-kont tal-profitt u t-telf tas-sena ta' referenza rilevanti. Fejn ma tkunx disponibbli *data* preċiża, l-entitajiet finanzjarji għandhom jibbażaw l-istima tagħhom fuq *data* u informazzjoni disponibbli oħrajn sa fejn ikun possibbli.
9. L-entitajiet finanzjarji għandhom jinkludu aġġustamenti fuq il-kostijiet u t-telf ta' stima li jkunu ssottomettew għal sena preċedenti fl-istima tas-sena ta' referenza rilevanti fejn isiru l-aġġustamenti.
10. L-entitajiet finanzjarji għandhom jinkludu wkoll fir-rapport tal-istima tagħhom tal-kostijiet u t-telf annwali aggregati d-diżaggregazzjoni tal-kostijiet u t-telf gross u tal-irkupri finanzjarji għal kull inċident maġġuri relatat mal-ICT li jkun ġie inkluż fl-aggregazzjoni.
11. L-entitajiet finanzjarji għandhom jużaw il-mudell fl-Anness biex jissottomettu lill-awtorità kompetenti l-istima tal-kostijiet u t-telf annwali aggregati tagħhom għas-sena ta' referenza. Għal kull entrata taħt il-paragrafi 6 u 9 li hija inkluża fl-istima tas-sena ta' referenza, l-entitajiet finanzjarji għandhom jużaw l-istess kodiċijiet ta' referenza tal-inċidenti pprovduti mill-entità finanzjarja bħal dawk użati fir-rapport finali f'konformità mal-Artikolu 19(4)(c) tar-Regolament (UE) 2022/2554.

---

<sup>6</sup>Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/302 tat-23 ta' Ottubru 2024 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implementazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-Rigward tal-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard biex entitajiet finanzjarji jirrapportaw inċident kbir relatat mal-ICT u jinnnotifikaw theddida ċibernetika sinifikanti, [OJ L, 2025/302, 20.2.2025, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2025/302/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/302/oj)]

## Anness: Mudell ta' rapportar għal kostijiet u telf gross u rkupri finanzjarji f'sena ta' referenza

Isem l-entità finanzjarja				
Identifikatur tal-Entità Ġuridika				
Data tal-bidu u tat-tmiem tas-sena ta' referenza tal-entità finanzjarja				
Munita				
Numru tal-inċident	Data tas-sottomissjoni tar-rapport finali dwar l-inċident	Numru ta' referenza tal-inċident	Kostijiet u telf gross tal-inċident fis-sena ta' referenza (eluf ta' unitajiet)	Irkupri tal-inċident fis-sena ta' referenza (eluf ta' unitajiet)
1				
2				
...				
Total għas-sena ta' referenza	-----	-----		